



BANK ĊENTRALI EWROPEW

LINJA TA' GWIDA TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

ta' l-20 ta' April, 2006

li temenda l-Linja ta' Gwida BĊE/2002/7 dwar l-obbligi ta' rappurtar ta' l-istatistika tal-Bank Ċentrali Ewropew fil-qasam tal-kontijiet finanzjarji trimestrali (BĊE/2006/6)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikoli 5.1 u 5.2, 12.1 u 14.3,

Billi:

- (1) Il-Linja ta' Gwida BĊE/2002/7 tal-21 ta' Novembru, 2002 dwar l-obbligi ta' rappurtar ta' l-istatistika tal-Bank Ċentrali Ewropew fil-qasam tal-kontijiet finanzjarji trimestrali¹ kienet ġiet emendata bil-Linja ta' Gwida BĊE/2005/13². Il-Linja ta' Gwida BĊE/2005/13 kien fiha derogi aġġornati mill-obbligi ta' rappurtar ta' *data* għal għadd ta' Stati Membri. Wara reviżjoni ta' dawn id-derogi, ser jiddaħħlu aktar derogi fir-rigward ta' Stat Membru wieħed.
- (2) Skond l-Artikolu 12.1 u l-Artikolu 14.3 ta' l-Istatut, il-Linji ta' Gwida tal-BĊE jagħmlu parti integrali mil-liġi tal-Komunità,

ADOTTA DIN IL-LINJA TA' GWIDA:

Artikolu 1

L-Anness III tal-Linja ta' Gwida BĊE/2002/7, kif mibdul bl-Anness III tal-Linja ta' Gwida BĊE/2005/13, qed jiġi emendat skond l-Anness ta' din il-Linja ta' Gwida.

¹ ĠU L 334, 11.12.2002, pġ. 24.

² Linja ta' Gwida BĊE/2005/13 tas-17 ta' Novembru, 2005 li temenda l-Linja ta' Gwida BĊE/2002/7 dwar l-obbligi ta' rappurtar ta' l-istatistika tal-Bank Ċentrali Ewropew fil-qasam tal-kontijiet finanzjarji trimestrali (ĠU L 30, 2.2.2006, pġ. 1).

Artikolu 2

Din il-Linja ta' Gwida għandha tidħol fil-jum wara li tiġi nnotifikata.

Artikolu 3

Din il-Linja ta' Gwida hija indirizzata lill-BĊNi ta' l-Istati Membri li jipparteċipaw.

Magħmula fi Frankfurt am Main, fl-20 t'April, 2006.

Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE

Il-President tal-BĊE

Jean-Claude TRICHET

Anness III tal-Linja ta' Gwida BĊE/2002/7, kif mibdul bl-Anness III tal-Linja ta' Gwida BĊE/2005/13, huwa emendat skond kif ġej:

Fit-Tabella 1 (*Data* kurrenti), it-taqsimi li ġejja għandha tiddaħħal bejn it-taqsimijiet bl-ismijiet 'Italja' u l-'Olanda':

IL-LUSSEMBURGU

1/3/B, D, G, H, M	Valuta miżmuma mill-NFCs, OFIFAs, ICPFs, GG u HHs	Ir-raba' trimestru 2008
1/4, 5, 7, 8/A, B, D, G, H, M	Depożiti, strument totali, depożiti miżmuma minn residenti, depożiti miżmuma ma' non-MFIs u depożiti miżmuma ma' non-residenti, mill-ekonomija totali, NFCs, OFIFAs, ICPFs, GG u HHs	Ir-raba' trimestru 2008
1/9, 14/B, D, G, M	Titoli ta' dejn għal żmien qasir u għal żmien twil miżmuma minn NFCs, OFIFAs, ICPFs u HHs	Ir-raba' trimestru 2008
1/19/A, B, C, D, G, M, N	Derivattivi finanzjarja bħala attiv ta' l-ekonomija totali, NFCs, MFIs, OFIFAs, ICPFs, HHs u RoW	Ir-raba' trimestru 2008
1/20, 24/A, B, D, G, M	Self għal żmien qasir u għal żmien twil mogħtija mill-ekonomija totali, NFCs, OFIFAs, ICPFs u HHs	Ir-raba' trimestru 2008
1/33-36/A, B, C, D, G, H, M, N	Ishma kkwotati, ishma mhux ikkwotati u ishma oħra, ishma ta' <i>mutual funds</i> u ishma f'fondi tas-suq monetarju maħruġa minn MFIs taż-żona ta' l-euro miżmuma mill-ekonomija totali, NFCs, MFIs, OFIFAs, ICPFs, GG, HHs u RoW	Ir-raba' trimestru 2008
1/37-39/M, N	Ishma azzjonarji netti tad-djar f'riżervi ta' l-assigurazzjoni fuq il-ħajja u f'riżervi tal-fondi tal-pensjoni (AF.61, AF.611, AF.612) miżmuma in minn HHs u RoW	Ir-raba' trimestru 2008
1/40/A, B, C, D, G, H, M, N	Ħlasijiet minn qabel ta' <i>premiums</i> ta' l-assigurazzjoni u riżervi għal klejms pendenti miżmuma mill-ekonomija totali, NFCs, MFIs, OFIFAs, ICPFs, GG, HHs u RoW	Ir-raba' trimestru 2008
1/41/A, B, D, G, M	Kontijiet oħra riċevibbli/pagabbli bħala attiv ta' l-ekonomija totali, NFCs, OFIFAs, ICPFs u HHs	Ir-raba' trimestru 2008
2/3/A, D, G	Depożiti miżmuma ma' l-ekonomija totali, OFIFAs u ICPFs	Ir-raba' trimestru 2008
2/6/A, B, C, D, G, M, N	Derivattivi finanzjarji bħala passiv ta' l-ekonomija totali, NFCs, MFIs, OFIFAs, ICPFs, HHs u RoW	Ir-raba' trimestru 2008
2/7, 13/A, B, D, G, M	Self għal żmien qasir u għal żmien twil (totali ta' strumenti) mogħtija lill-ekonomija totali, NFCs, OFIFAs, ICPFs u HHs	Ir-raba' trimestru 2008
2/ 8, 10, 14, 16/A, B, D, G, H, M	Self għal żmien qasir u għal żmien twil mogħtija minn residenti u minn non-MFIs lill-ekonomija totali, NFCs, OFIFAs, ICPFs, GG u HHs	Ir-raba' trimestru 2008
2/20/N	Ishma kkwotati maħruġa minn RoW	Ir-raba' trimestru 2008
2/21/A, B, C, D, G, N	Ishma mhux ikkwotati u ishma azzjonarji oħrajn maħruġa mill-ekonomija totali, NFCs, MFIs, OFIFAs, ICPFs u RoW	Ir-raba' trimestru 2008
2/22/N	Ishma fi <i>mutual funds</i> maħruġa minn RoW	Ir-raba' trimestru 2008
2/23-24/A, G, N	Ishma azzjonarji netti tad-djar f'riżervi ta' l-assigurazzjoni fuq il-ħajja u f'riżervi tal-fondi tal-pensjoni (AF.61) u ishma azzjonarji netti tad-djar f'riżervi ta' l-assigurazzjoni fuq il-ħajja (AF.611) bħala passiv ta' l-ekonomija totali, ICPFs u RoW	Ir-raba' trimestru 2008
2/25/A, B, C, D, G, M, N	Ishma azzjonarji netti tad-djar f'riżervi tal-fondi tal-pensjoni bħala passiv ta' l-ekonomija totali, NFCs, MFIs, OFIFAs, ICPFs, HHs u RoW	Ir-raba' trimestru 2008
2/26/A, G, N	Ħlasijiet minn qabel ta' <i>premiums</i> ta' l-assigurazzjoni u riżervi għal klejms pendenti bħala passiv ta' l-ekonomija totali, ICPFs u RoW	Ir-raba' trimestru 2008
2/27/A, B, D, G, M	Kontijiet oħra riċevibbli/pagabbli bħala passiv ta' l-ekonomija totali, NFCs, OFIFAs, ICPFs u HHs	Ir-raba' trimestru 2008

2/28/B, C, D, G, M	Assi finanzjarji netti (għal ammonti pendenti) u għoti ta' self nett/teħid ta' self nett (għal transazzjonijiet) ta' NFCs, MFIs, OFIFAs, ICPFs u HHs	Ir-raba' trimestru 2008
3/1, 4-8/B-U	Depożiti miżmuma ma' l-ekonomija totali, OFIFAs, OFIs, FAs, ICPFs u GG, mqassma skond is-settur u l-qasam kontroparti	Ir-raba' trimestru 2008
4, 5/2-21/A, B, D, G, H, I	Self għal żmien qasir u għal żmien twil mogħtija mill-ekonomija totali, NFCs, OFIFAs, ICPFs, GG u HHs lil residenti u non-residenti, mqassma skond is-settur u l-qasam kontroparti	Ir-raba' trimestru 2008